# *SILTIET MIT-TAGHLIM TA' BUDDA*

*Fil-Malti tal*-Prof. Ġ. Aquilina

*Budda, jew kif jissejjaħ ukoll Gotama, twieled xi 500 sena Q.K. fl-Indja minn familja għolja. Taħa għall-ħajja kontemplativa u bid-dawl tar-raġuni naturali biss għallem xi ħwejjeġ sbieħ tassew. Il-filosofija tiegħu tfittex it-triq tal-hena billi taqta' l-bniedem mill-frugħat u twasslu, wara dil-ħajja, li hi bħala kastig fiha nfisha, għal oħra fejn il-bniedem ma jibqax jinkwieta ruħu bl-ambizzjonijiet u xewqat li qatt ma jħalluna siekta. Din hi "Nirvana", imma dawk li f'dil-ħajja jagħmlu l-ħażin, jerġgħu jitwieldu f'ħajja oħra wara l-mewt u hekk jibqgħu dejjem imħabbtin għax ma jidħlux fin-"Nirvana". Tabilħaqq, skond Budda, f'din il-ħajja kull wieħed minna qiegħed ipatti għal xi ħtija ta' għamilu qabel twelidna f'ħajja oħra li ma għadniex niftakruha. Imma jekk nidħlu fin-"Nirvana" ma nibqgħux nitwieldu u nistrieħu darba għal dejjem. F'din is-silta Budda jagħti xi tagħlim li bid-dawl tar-raġuni biss jaqbel ma' tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu, l-Imgħallem li bena r-Reliġjon ta' l-Imħabba fuq ir-Raġuni mgħaqqda mar-Rivelazzjoni.*

Mhux bil-mibegħda tintrebaħ il-mibegħda imma bl-imħabba.

Min jixtieq jilbes il-lbsa s-safra (jiġifieri jsir patri) mingħajr imma ma jinża' d-drawwiet ħżiena, ma jixraqlux jilbisha dik il-libsa.

Bħalma x-xita tinfed minn saqaf mhux mitbuq sewwa, hekk il-passjoni tinfed minn moħħ mingħajr għaqal.

Il-bniedem li hu għaref fil-liġi tas-ewwa imma hu nnifsu ma jagħmelx is-sewwa, jixbaħ lir-ragħaj li joqgħod igħodd in-nagħaġ ta' ħaddieħor.

Iżżomx bi ħbiebek nies li jgħixu ħażin u ma jagħmlux is-

sewwa; iżda agħżel il-ħbieb minn fost dawk li jgħixu kif jixraq u jaħsbu għoli.

Wisq aqwa li tirbaħ lilek innifsek milli tirbaħ lil ħaddieħor. Lanqas alla jew Mara (ix-xitan) ma jista' jibdel f'telfa rebħa li bniedem jagħmel fuqu nnifsu.

Bħalma l-ġilju jikber fuq miżbla u minn hemm ixerred il-fwieħa tiegħu, hekk id-dixxiplu ta' Budda ixerred id-dawl tiegħu fost in-nies li jimxu fid-dlamijiet.

Sa l-allat igħiru għall-bniedem li jaħkem is-sensi u l-passjonijiet tiegħu bħalma jaħkem iż-żwiemel.

Aħjar kelma bil-għaqal minn elf mingħajr għaqal.

U la fl-ajru, u la f'qiegħ il-baħar jew fi xquq l-iġbla ma jirnexxilek taħrab mill-mewt.

Kull min għalih id-dinja mhix aktar minn bużżieqa ta' l-ilma, il-biża tal-mewt ma jistax għalih.

Bniedem mhux għaref għaliex jitħaddet ħafna.

Bniedem ma jsirx Brahman (qassis) imħabba d-dfir ta' xagħru, it-twelid, jonkella l-familja tiegħu. Hu Brahman min iħobb is-sewwa u l-ħaqq.

Brahman mhemm xejn li jgħid li jista' hu tiegħu, għax ma għandux irbat ma' l-imħabba tad-dinja.

Min isawwat lil min ma jsawtux u jweġġa' lil min ma jweġġgħux, iġib fuqu ħafna kastigi.

L-ewwel il-bniedem għandu jintefa' għas-ewwa mbagħad hu jgħallem lil ħaddieħor.

Iġibu għira lill-allat dawk in-nies i ma jitgħażżnux, jagħmlu l-meditazzjoni, huma bil-għaqal u jħobbu jitwarrbu mid-dinja.

Mistenbħin huma dawk li ma jagħmlux il-ħażen imma l-ġid u mistrieħ lil moħħ.

Iż-żina ma għandhiex xaba'. Għaref hu min jagħraf li tgħaddi malajr, u ma tħallix wajha ħlief niket u ħsara.

Min ifittex il-mistrieħ tiegħu f'Budda ,it-Tagħlim u fis-Samga (knisja) tabilħaqq ifittex mistrieħ tassew.

Min jiekol ħafna u jeħxien, min iħobb jorqod u jitgħażżen ma jagħmel xejn bħal ħanżir mitmugħ tajjeb, jibqa' jitwieled u jerġa' jitwieled (jiġifieri qatt ma jasal f'Nirvana fejn jistrieħ il-bniedem wara din il-ħajja).